## *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*
## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## *Seduta ta’ nhar it-Tnejn 8 ta’ Lulju, 2002*

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 1395/02 EG**

**L-avukat Albert Grech bhala mandatarju tas-socjeta’ estera Mecoil SRL ta’ Prato – Italia**

**vs**

**Bonavia Stores Ltd**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta’ *Turn-a-fork clamp* mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta minn dik attrici liema somma giet ammessa mis-socjeta’ konvenuta izda baqghet ma hallistx nonostante diversi promessi.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali mit-8 ta' Jannar 2001.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Albert Grech, l-attur nomine li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Jannar 2001

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**